MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Numru. 894/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**Vs**
**Jerken Decelis**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 17 ta` Settembru, 2013 migjuba fil-konfront ta' Jerken Decelis, bin Harold u Maria Dolores nee Spiter, imwieled il-Pieta u residenti l-Marsa u li ghandu l-karta tal-identita bin-numru 12884M u cioe' talli talli nhar il-15 ta` Settembru, 2013, gewwa San Giljan u f`dawn il-Gzejjer : -

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Georgiana Zaharia, biza` li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se jikkagunalha biza` u dan bi ksur tal-artiklu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Talli hedded lil Georgiana Zaharia bil-fomm liema theddid kien jinvolvi wkoll ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 249(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
3. Talli fl-istess data, hinijiet, postijiet u cirkostanzi ghamel lil Georgiana Zaharia injurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f`dan il-kodici anke jekk kien ipprovokat, injurja b`mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talli fil-lejl ta` bejn il-15 ta` Settembru, 2013 u s-16 ta` Settembru, 2013, gewwa l-Marsa u f`dawn il-Gzejjer:

4. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta` PS 1456 Jonathan Cassar, PS 845 Ian Vella, PC 446 Joseph Mifsud u PC 34 George Scicluna inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz u dan bi ksur tal-artiklu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b`hebb, ta` xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu jew diga` kienu agixxew ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
6. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 1456 Jonathan Cassar, PS 845 Ian Vella, PC 446 Joseph Mifsud u PC 34 George Scicluna sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-artiklu 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` PS 1456 Jonathan Cassar f`periklu car, kkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` PS 1456 Jonathan Cassar, hekk kif iccerifikat Dr. S. Camilleri gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur tal-Artiklu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi matul il-lejl volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u

dan bi ksur tal-artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
10. Kif ukoll talli f`lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kont fi stat ta` sacra u dan bi ksur tal-artikolu 338 (ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
11. Kif ukoll talli naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imhallef Michael Mallia LL.D.) b`digriet ta` nhar il-25 ta` Ottubru, 2012, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u diversi kundizzjonijiet;
12. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati b`sentenza moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Georgiana Zaharia u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tas-17 ta’ Settembru 2013 waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) u 370(4) tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jidher minn fol 17;

Rat ukoll li l-Avukat Generali ta’ il-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja kif jidher minn fol 16;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsirdat : -

**A. L-ewwel tliet imputazzjonijiet.**

Dan il-kaz huwa imsejjes fuq zewgt episodji li minnhom tnisslu l-imputazzjonijiet kollha. L-ewwel episodju jittratta allegata disputa li l-imputat kellu mas-siehba tieghu Georgiana Zaharia nhar il-15 ta' Settembru 2013 li ddegenerat fit-tieni episodju li jikkonsisti f'incident li nqala quddiem u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa aktar tard mal-istess jum, u kmieni l-jum ta' wara cioe s-16 ta' Settembru 2013.

Matul is-seduta tas-26 ta' Settembru 2013 xehdet Georgiana Zaharia fejn din stqarret li bejnha u l-imputat kien hemm relazzjoni li kienet tmur lura madwar erba' snin u kellhom ukoll tifla komuni li illum ghandha sentejn u tliet xhur. Zaharia tenniet li hija riedet li twaqqaf dawn il-proceduri kontra l-imputat minhabba : -
(a) ir-relazzjoni ta' bejniethom u peress li huwa missier it-tifla taghha;
(b) li hija strangiera u tghix wahedha f'Malta;
(c) kif ukoll ghaliex l-argument li nqala' bejniethom nhar il-15 ta' Settembru 2013 inqala' wkoll minhabba fiha. Ix-xhud spjegat li hija kienet irrabjata wkoll mal-imputat u bejniethom intqal hafna diskors. In definittiva insistiet li hija kienet ukoll kawza tal-incident u tad-diskors li ntqal ghaliex (il-Qorti tikkwota lilha) "when people are fighting it is not just one".

Il-Qorti spjegatilha l-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni taghha li riedet twaqqaf il-proceduri hawnhekk u din ix-xhud, li kienet ukoll l-allegata vittma tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, kategorikament tenniet li riedet twaqqaf dawn il-proceduri hawnhekk.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu li dawn il-proceduri inbdew mill-Pulizija *ex officio* wara li Georgiana Zaharia ghamlet il-kwerela

taghha mal-Pulizija konsegwenti l-incidenti verbali li nqalghu mal-imputat. Biss ghall-fini ta' din l-ghazla ta' twaqqif tal-proceduri penali il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha tiddistingwi bejn dawn iz-zewgt episodji ghar-ragunijiet li ser jigi spejgat.

Mill-ewwel episodju, ossija mill-incidenti verbali li nqalghu bejn l-imputat u Zaharia, il-Pulizija identifikat tliet reati partikolari u procediet *ex officio* kontra l-imputat kemm fir-rigward taghhom kif ukoll fir-rigward tar-reati li tnisslu mit-tieni episodju.

Fl-ewwel episodju tnisslu l-ewwel zewg reati li huma minn natura taghhom procedibbli *ex officio* bl-ahhar episodju biss ikun procedibbli bil-kwerela tal-offiz. Izda jidher li l-Pulizija agixxiet *ex officio* kif kellha d-dmir li taghmel kemm minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija kif ukoll ghaliex skont l-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali il-Pulizija ghandha wkoll dmir tipprocedi *ex officio* f'kazijiet li jinvolvu "vjolenza domestika"[1] skont l-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika jipprovdi zewg testijiet kumultattivi ghalbiex persuna titqies vitma jew imputata f'kaz ta' vjolenza domestika taht dan l-Artikolu; cjoe jrid ikun hemm il- : -

(a) kwalifika ta' "membru domestiku";
(b) kwalifika ta' "vjolenza domestika";

[1] **543.** Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
(*e*) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:
Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika:
Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

(a) f'dan il-kaz jidher li zewg kriterja imsemmija fl-Artikolu 2(ii) u 2(viii) huma sodisfatti.[2] Jirrizulta li Zaharia u l-imputat kellhom relazzjoni li kienet tmur lura ghal madwar erba' snin, li kienu jghixu flimkien qabel dan l-incident u taht l-istess saqaf kif ukoll, u l-aktar importanti, li kellhom tifla ta' sentejn u tliet xhur.

(b) f'dan il-kaz jidher ukoll li kien jinvolvi episodji ta' vjolenza. Skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta :

"vjolenza domestika" tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

L-aktar reat serju ipotizzat fl-ewwel episodju huwa dak kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali ossija meta persuni jibzghu li ser tintuza **vjolenza** kontrihom. Minbarra dan gew kontestati wkoll ir-reat ta' theddid kwalifikat b'ordni jew kundizzjoni skont l-artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ir-reat kontravvezjonali ta' theddid jew ingurji generici taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali. Fil-fehma tal-Qorti it-theddid kemm jekk kwalifikat kemm jekk generiku jikkostitwixxi minn natura tieghu reat li jista' u ghandu, ghall-fini tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta jigi klassifikat bhala att ta' vjolenza kontra persuna, anke jekk ikun kommess fil-forma verbali biss.
Il-Pulizija ghandha s-setgha li tistitwixxi proceduri *ex officio* f'kaz ta' kommissjoni ta' reat/i li jinvolvu vjolenza domestika, anke minghajr il-htiega tal-kwerela tal-offiz. Dan huwa intiz sabiex jigu salvagwardati dawk id-diversi vitmi ta' vjolenza domestika li jkunu jbghatu fis-skiet u li ma jkollhomx is-sahha u/jew ir-rieda psikologika li jipprocedu kontra l-aggressur. Kieku ma kienx ghal din id-disposizzjoni, l-ezercizzju tal-azzjoni penali f'dawn il-kazijiet ta' vjolenza domestika ssir difficli hafna ghaliex bosta drabi l-vitmi ma jkunux iridu li jipprocedu kontra l-

---

[2] "membru domestiku" tinkludi:
(ii) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-ħati jew li kienu jgħixu mal-ħati f'perjodu ta' sena qabel ir-reat;
(viii) persuni li għandhom jew kellhom tifel bejniethom;

aggressur taghhom ghal episodji li jsiru fi hdan l-erba' hitan tad-djar private minhabba biza ta' ritorsjoni jew ritaljazzjoni jew sempliciment ghaliex ma jkunux jafu jghixu mod iehor u jibqghu ibghatu fis-skiet.

Ghalhekk il-Ligi tat is-setgha lill-Pulizija jipprocedu *ex officio* f'kull kaz li jinvolvi vjolenza domestika – irrispettivament minn natura jew forma tar-reat li jinvolvi vjolenza – dment li din tkun vjolenza domestika skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480. U dan minghajr ma l-istess Ligi tal-Vjolenza Domestika tippreskrivi tifsira ghall-kelma "vjolenza" –li allura tista tinvolvi diversi tipologiji ta' reati; u minghajr ma l-istess Ligi ssemmi jekk tali reati humiex procedibbli ad istanza tal-parti offiza jew le.

Pero l-istess Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija *ex officio*, (*a prescindere* mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wiehed minn dawk li jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza jew le – stante li l-Ligi hija siekta fuq dan) tista tigi mitmuma fuq decizjoni tal-vitma. Hawnhekk il-legislatur ried li jintroduci kwalifika ghar-regola li azzjoni kriminali istitwita *ex officio* tibqa' miexja indipendentement mir-recess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-kazijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peggjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-ahhar mill-ahhar ikunu jridu jibqghu jghixu flimkien taht l-istess saqaf jew li jzommu l-kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Ligi trid li tipprevali l-Grazzja fuq il-Gustizzja fl-interess suprem tal-hajja domestika u l-importanza li din ghandha fil-kuntest socjali tal-pajjiz. Izda l-Qorti hija akkordata, *per via eccezionale*, u fil-kazijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vitma u tordna li l-proceduri kontra tal-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti pero l-enfazi tal-Ligi f'dan il-proviso qieghed fuq l-ghazla tal-vitma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.

Fil-kaz in disamina, r-reati de quo huma kollha procedibbli *ex officio* ad eccezzjoni tat-tielet imputazzjoni. Il-vitma

f’dan il-kaz wara li giet debitament imwissija mill-Qorti, insistiet li hija trid tahfer lill-imputat, riedet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu u minhabba diversi ragunijiet (possibilment inkluz dak li ma tinkriminax lilha nnifisha minn fatti li tnisslu minn dan l-incident) xtaqet li ma tixhedx kontra tal-imputat. Din id-decizjoni tolqot il-proceduri kontra l-awtur allegat zgur ghal dawk li huma r-reati kommessi fil-kuntest ta’ vjolenza domestika kif imfissra aktar il-fuq. Ghalhekk ladarba l-vitma ta’ episodju li jinvolvi vjolenza domestika qed taghzel li taghmel it-talba lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proceduri kontra tal-awtur allegat – il-Qorti tqis li ghandhom ikunu l-proceduri kriminali li jitnisslu mill-**<u>fatt ta’ vjolenza domestika</u>** li semmai jistghu jitwaqfu f’dan l-istadju, bil-proceduri l-ohra li ma humiex ta’ vjolenza domestika jkollhom jitkomplew.

F’dan il-kaz dil-Qorti, wara li semghet lill-Georgiana Zaharia u gharblet ic-cirkostanzi taghha u ta bintha, temmen li, minkejja kollox, ikun aktar fl-interess tal-Gusitizzja, nonche fl-ahjar interess tal-wild minuri, li r-rieda ta’ Zaharia tigi rispettata u li l-proceduri kriminali dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet li jinkwadraw fil-qafas legali ta’ vjolenza domestika jitwaqfu hawnhekk. Il-Qorti tosserva li l-konsegwenzi avversi li jista jkun hemm fuq l-ahjar interessi ta’ Zaharia u tal-minuri jekk tali proceduri kontra missier il-minuri minn ommha jitkomplew jistghu ikunu kbar wisq meta komparati mal-konsegwenzi tal-fatti li tnisslu diga minn dan il-kaz. Aktar u aktar meta hija l-omm stess, li f’dan il-kaz, stqarret li kienet hija wkoll kawza tal-argument li kien inqala u li wara li giet imwissija u infurmata dwar il-konsegwenzi kollha, insistiet li trid li dawn il-proceduri jitwaqfu hawnhekk.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika qeghda tilqa’ t-talba ta’ Georgiana Zaharia sabiex il-proceduri kontra l-imputat jigu mwaqqfa, u konsegwentement il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tal-imputat.

B. **It-tieni episodju – l-imputazzjonijiet erbgha sa ghaxra.**

Wara li Zaharia ghamlet il-kwerela taghha fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fil-15 ta' Settembru 2013, il-Pulizija riedet li tkellem lill-imputat minhabba din il-kwerela li kienet saret fil-konfront tieghu. Izda l-imputat ma marx l-Ghassa ta' San Giljan. Skont PS 845 Ian Vella, meta Zaharia marret taghmel il-kwerela l-Ghassa ta San Giljan, minn fuq il-mobile phone taghha stess instema' ragel (allegatament l-imputat) jghid li "jiena ghala z.... mill-Pulizija". Skont dan l-istess xhud, kien ukoll mar personalment l-Ghassa ta' San Giljan missier l-imputat cioe Harold Decelis li quddiemu cempel bil-*mobile phone* tieghu lil ibnu l-imputat biex jikkonvincih li jmur l-Ghassa ta' San Giljan, izda Harold Decelis ma rnexxielux jikkonvincih. Anzi meta l-istess Surgent kellem lill-imputat minn fuq dan l-istess telefon l-imputat qallu, skont dan ix-xhud, b'ton ta' sfida, li jekk ried, kellu jmur hu wahdu jigbru mid-dar tieghu. Dan is-Surgent xehed li anke missier l-imputat kien irrabjat ghal dan l-atteggjament tal-imputat u l-istess Harold Decelis stqarr mieghu li kien ser jipprova igibu huwa stess lill-ibnu fl-Ghassa ta' San Giljan. Biss l-imputat jidher li minflok mar l-Ghassa ta' San Giljan, aktar tard mar l-Ghassa tal-Marsa, minn jeddu, flimkien ma missieru.

Jidher li l-Ghassa tal-Marsa hija relattivament zghira u dak il-hin li mar l-imputat (wara li kien gie mitkellem minn PS 845 mill-Ghassa ta' San Giljan) kien hemm xi persuna ohra li ma kellhiex x'taqsam ma dal-kaz li kienet qed tigi mitkelma mill-Pulizija. L-Imputat f'dak il-punt kien ghadu barra mill-Ghassa u kien ma missieru. PC34 George Scicluna jghid li waqt li kienu ghadhom barra l-Ghassa tal-Marsa, l-imputat u missieru, gara hekk : -

Imbaghad sa dan it-tant missieru kien qieghed icempel fuq it-telefon, ma nafx min cempillu smajtu jghid "qieghed l-ghassa l-Marsa minhabba dan il-kiesah gabni haw"n u x`hin Jerken sema` hekk rajtu jmur b`mod aggressiv fuq missieru u qallu "inti lili qed tghid kiesah?"

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta pero hemmhekk l-atteggjament tal-imputat lejn il-Pulizija prezenti ma kienx wiehed kalm, izda imqanqal, irrabjat u aggressiv li mal-hin zied fid-doza. Dan ix-xhud ikkompli jghid hekk : -

ghal nofs il-lejl Gerald (recte Harold) Decelis gie flimkien ma` Jerken Decelis il-Marsa u jiena cempilt l-Ghassa ta` San Giljan sabiex nghidilhom li Jerken wasal. Sa dan it-tant hrigt fejn Jerken u ghidtlu daqt mieghek ghax kont qieghed ma` bniedem iehor dak il-hin kelli rapport iehor, ghidtlu daqt mieghek gejjin ta` San Giljan biex ikellmuk. Dan malli kellimtu qalli "lili tigix titqazzez mieghi", qalli "jien mhux ha nibza` minnek, tridu ggibu ta` SAG kollu biex izzommuni" u jiena speci ta` ma kontx naf dan ghalfejn qed jghidli hekk jew ghalfejn kien aggressiv mieghi u sa dan it-tant ghamilt sinjal gewwa biex jistennieni ghaliex kien qed ikun vjolenti u ergajt cempilt lil tal-Hamrun sabiex jigu huma biex jassistuni.

Ftit aktar tard gara li : -

Imbaghad sa dan it-tant missieru kien qieghed icempel fuq it-telefon, ma nafx min cempillu smajtu jghid "qieghed l-ghassa l-Marsa minhabba dan il-kiesah gabni hawn" u x`hin Jerken sema` hekk rajtu jmur b`mod aggressiv fuq missieru u qallu "inti lili qed tghid kiesah?" u jiena x`hin rajt hekk hrigt u ghidlu "Jerken", ghidtlu bhal speci "dak missierek ghal fejn qed taghmel hekk?" u sa dan it-tant jiena u nitkellem ma` Jerken lahqu gew ta` San Giljan ghax gara qisu f`kolp u x`hin mort nghidlu biex jikkalma dan imbuttani minn spallti u qalli "inti tindahalx" u qalli "jiena ma ghandix grazzja mieghek", ghalija jigifieri, u kien hemm is-Surgent Jonathan, illum PS 1456 ghaliex sa dan it-tant gejjin huma u rah jimbuttani u hareg mill-karozza u qallu "imxi l-ghassa" lil Jerken u dahlu l-ghassa jitkellmu.

Dan l-episodju fejn l-imputat imbotta lil PC 34 huwa wkoll korroborat a fol 41 minn PS 1456 u a fol 50 minn PS 845. Sa' dak il-mument fejn l-imputat kien qed jitkellem b'ton irrabbjat u aggressiv mal-Pulizija huwa ma kienx gie mimsus mill-Pulizija, minkejja l-atteggjament aggressiv tieghu u n-natura tad-diskors li kien qalilhom.

Il-mument fejn il-Pulizija ghaddiet biex tibda tezegwixxi l-arrest tal-imputat, anke bl-uzu tal-manetti kien biss **wara** li l-imputat qabez il-linja u mid-diskors ghadda juza wkoll certu forza fizika meta mbotta lil PC 34 minn spaltu. Kien hemmhekk li PS 1456 iddecieda li jdahhal lill-imputat fl-Ghassa billi qabdu minn idu (a fol 44) :

Ghar-raguni li nemmen li mhux agir li tinbotta Pulizija minn spalltu.

L-atteggjament aggressiv u ostili tal-imputat lejn il-Pulizija gie wkoll rivolt lejn PS 1456. Meta l-imputat gie mdahhal gewwa l-Ghassa tal-Marsa, dan beda jghid kliem lejn il-Pulizija fis-sens li huma kienu Laburisti u li huwa kien Nazzjonalist u li ghax minhabba li huwa Nazzjonalist huwa kien sejjer jigi msawwat minnhom.

Anke f'dan il-mument l-imputat ma kienx mizmum jew immanettjat, minkejja l-kliem aggressiv u vjolenti tieghu rivolt lejn dawn l-Ufficjali tal-Pulizija u l-uzu tal-forza minnu fuq spallet PC 34.

PS 1456 jghid ukoll li apparti dan, l-imputat beda jghidlu li huwa, cioe l-imputat kien jafu. Qallu wkoll “ejja barra halli naraw jien u int”. Din l-espressjoni semaghha wkoll PS 845 (ara fol 51). PC 34 jirrepeti din il-frazi, anzi jikkwalifikaha meta jzid jghid li f'dak il-mument –

Imbaghad gie is-Surgent Jonathan x`hin rah dan jinbuttani minn spallti qallu imxi l-ghassa u dahal l-ghassa biex ikellmu. Sa dan it-tant Jerken beda jghidlu li ma jibzax minnu u beda jghidlu “ejja barra halli nitkellmu jien u int”.

Il-Pulizija kollha li semghu dan id-diskors jaqblu li f'dak il-kuntest l-espressjonijiet uzati mill-imputat kienu aggressivi, vjolenti, ta' theddid u ta' sfida u mhux sempliciment talbiet minn naha tal-imputat biex jitkellem wahdu ma' PS 1456. Dan jikkonkluduh mill-isfond tal-atteggjament aggressiv tal-imputat, tal-fatt li kien ukoll jidher xi ftit xurban anke mill-mod kif l-imputat beda jagixxi u jitkellem, kif ukoll mill-kliem li beda jghid, mit-ton li beda

uza u mill-espressjonijiet infushom uzati mill-imputat lejn il-Pulizija.

Kien f'dan l-isfond li PS 1456 iddecieda li l-imputat kellu jigi mhux biss arrestat, izda wkoll mizmum billi jigi mmanettjat minhabba li kien qieghed juri atteggjament wisq aggressiv. Din id-decizjoni ma ttehditx mill-ewwel izda ttiehdet **wara** li l-Pulizija prezenti raw li l-imputat kellu atteggjament aggressiv, ta' sfida, u li beda jzid fid-doza aggressiva tieghu. Dan l-arrest bil-mezz tal-manetti kien beda jigi ezegwit minn PS 1456 u PS 845. Wara inghaqad maghhom ukoll PC446. Il-Pulizija li xehdu f'dan il-kaz jaqblu li l-imputat irrezista dan l-arrest fis-sens li ma riedx li jigi mmanettjat.

Irid jigi precizat li mill-provi jirrizulta li l-imputat ghamel azzjoni ta' hebb biss fil-konfront ta' PC 34 meta imbuttah minn spalltu u ghalhekk uza certa forza fizika ingustifikata (anke jekk minima) fil-konfront tal-Pulizija. Fil-fatt kemm PS 1456 kif ukoll PS 845 jistqarru li ghalkemm l-imputat kien aggressiv fi kliemu u f'eghmilu, huwa fl-ebda mument ma hebb ghalihom (ara fol 41 u fol 52). Biss il-livell ta' aggressivita fil-kliem u fl-eghmil tieghu (b'mod partikolari lejn PC 34 u PS 1456) lejhom waslu biex tittiehed id-decizjoni li jarrestawh, inkluz bl-uzu tal-manetti.

Kien hawnhekk li l-imputat ma riedx li jigi mizmum u mmanettjat li rreagixxa u beda jipprova jinhall biex ma jigix immanettjat. Ix-xiehda tal-Pulizija fuq dan il-punt taqbel ukoll fis-sens li meta accedew biex jaghmlulu l-manetti huwa ma hallihomx, beda jxejjer idejh u jaghti biex ma jigix immanettjat. Kien f'dan il-mument li PS 1456 weggha subghajh.[3] U kien ukoll f'dan il-mument li PC446 dahal biex jaghmel "arm lock" fuq l-imputat biex imbaghad gie mmanettjat minn PS 845.

Jidher li anke wara li gie mmanettjat l-uzu ta' kliem aggressiv u minaccjuz tal-imputat fil-konfront ta' PS 1456

[3] ara fol 41. Ara wkoll ic-certifikat mediku ffirmat minn Dr S. Camilleri a fol 15 u l-verbal tal-partijiet a fol 30 fejn dan it-tabib gie ezentat milli jikkonferma bil-gurament dan ic-certifikat, accettawh bhala dokument awtentiku u li l-partijiet qablu li minhabba dan l-incident PS 1456 sofra griehi ta' natura hafifa.

baqa ghaddej ghaliex wara li gie mmanettjat u x'hin iddahhal fil-karozza, PS 845 semgha lill-imputat jghid lil PS 1456 "inti issa tara issa npattihielek" (ara fol 52). Pero minn hemm il-quddiem jidher li ma kienx hemm aktar incidenti ghaliex l-istess PS 1456 jghid li pero fil-karozza, "mill-karozza 'l hemm ma kienx hemm inkwiet" (fol 46).

Ikkunsidrat : -

L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[4] Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.

L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonche aggressiv. L-imputat jghid fl-istqarrija tieghu li huwa ma marx l-Ghassa ta' San Giljan ghaliex ma kienx isuq. *Dato ma non concesso* li dan huwa minnu, zgur li dan il-fatt ma kienx jintitolah li jkellem lill-PS845 Ian Vella b'ton ta' sfida nonche jghid li huwa "ghala z.... mill-Pulizija". Anzi il-povru missier l-imputat offra li jmur jiehdu hu stess l-Ghassa ta' San Giljan, izda l-imputat lejn San Giljan ma riedx jersaq. Aktar tard, qrib nofs il-lejl,[5] u allura kwazi tliet sieghat wara l-kwerela fl-Ghassa ta' San Giljan minn Zaharia u t-telefonati skambjati minn hemmhekk, l-imputat ghazel li jipprezenzja ruhu l-Ghassa tal-Marsa. Kien minn dan l-istadju bikri li huwa gie mitlub imur l-Ghassa ta' San Giljan li l-imputat beda ma jobdix l-ordnijiet legittimi

[4] Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Gunju 1997.

[5] Ara d-deposizzjoni ta' PC 34 u l-PIRS report a fol 12.

moghtija lilu mill-Pulizija – ghaliex l-anqas ma missieru ma ried imur fejn kien mitlub imur mill-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan. Dan l-atteggjament ippersista sakemm gie mdahhal fil-karozza tal-Pulizija, immanettjat u mehud il-*lock up*.

Inoltre dan kien incident li gie mahluq mill-intransigenza tal-imputat innifsu. Kull ma riedet taghmel il-Pulizija kien biss li tkellem lill-imputat dwar kwerela li kienet saret fil-konfront tieghu – procedura ta' routine – u li minhabba fuga kien gie msejjah jipprezenzja ruhu l-Ghassa ta' San Giljan. Kieku l-imputat obda din l-ordni legittima u semplici bhan-nies, minghajr paroli u xenati, it-tieni episodju ma kienx isehh. L-imputat, forsi anke minhabba li mohhu kien imcajpar bir-rabja u bix-xorb, ghazel li ma jobdix din l-ordni legittima, minkejja l-intervent ghaqli u genwin ta' missieru li kien mifni bl-inkwiet.

Il-kliem u l-eghmil tal-imputat, mehud fic-cirkostanzi kollha li sawru dan il-kaz irrizulta li kien wiehed aggressiv, ta' theddid u ta' sfida lejn il-Pulizija waqt li dawn kienu qeghdin jaghmlu s-servizz taghhom u minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz. Fil-fatt waqt il-qadi ta' dawn id-doveri, PS 1456 spicca li sofra griehi ta' natura hafifa minhabba r-rezistenza ghall-arrest li beda jimmanifesta l-imputat. Ghalkemm il-Pulizija qablu li l-imputat ma hebbx specificakment ghalihom (ghajr ghall-imbottatura mill-ispalla maghmula lil PC 34) huma jaqblu li fil-mument li l-imputat kien qieghed jigi mizmum biex jigi mmanetjat huwa ma qaghadx ghal din l-azzjoni tal-Pulizija u beda jipprova jinhalla u jxekkel lil PS 1456 milli jaghmillu l-manetti b'mod li meta kien qieghed jaghmel dan l-imputat beda jxejjer idejh (waqt li jidghi ara fol 38) u PS 1456 weggha subghajh t'idu l-leminija (sprain of his right thumb).

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati mnissla minn ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom. Il-kwistjoni legali hawnhekk hija jekk b'tali azzjonijiet l-imputat irrendiex ruhu hati tar-reat ta' attakk jew rezistenza bi vjolenza kontra l-Pulizija. Wara li l-Qorti

gharblet il-provi kollha nonche l-gurisprudenza applikabbli ghall-istess, thoss li l-estremi ta' dan ir-reat imnissel mill-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ma jezistux f'dan il-kaz. Dan ghar-ragunijiet segwenti. Ghalkemm huwa minnu li l-imputat irrezista dan l-arrest u huwa minnu wkoll li fil-mument tar-rezistenza PS 1456 weggha hafif sebghu il-kbir t'idu l-leminija, l-istess Pulizija jtennu li l-imputat ma hebbx ghalihom jew attakkahom. Il-kwistjoni legali hija – l-imputat qabez il-limiti tar-rezistenza ghall-arrest li jwassal ghal rezistenza bi vjolenza jew addirittura attakk fuq il-Pulizija?

Skont l-Gharef Imhallef William Harding fil-kaz "Il-Pulizija vs John Mallia" deciz nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -

Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat kien precizament li rrezista lill-Pulizija ghax kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja – u mix-xiehda tal-Pulizija li kienu qeghdin jezegwixxu l-manuvra tal-arrest jirrizulta li l-imputat ma hebbx ghalihom; u ghalhekk din il-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li bl-agir tieghu l-imputat spinga jdejh fuq il-Pulizija li kienu qeghdin izommuh **biex joffendihom fuq il-persuna taghhom**. Il-griehi sofferti minn PS 1456 kienu konsegwenzjali ghall-movimenti fizici inkonsulti tal-imputat biex ma jigix immanettjat u ma kienux konsegwenzjali ghal movimenti fizici ohrajn li permezz taghhom l-imputat ried li joffendi lil PS 1456 fuq il-persuna tieghu biex iwegghu.

Fuq dan il-punt, il-Qorti sejra ssegwi l-insenjament imnissel mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz “Il-Pulizija vs Joseph Zahra” deciza nhar l-10 ta’ Mejju 2002 fejn similment ghal dak li gara f’dak il-kaz, fil-kaz in disamina ma giex pruvat sodisfacentement li kemm
(a) mill-movimenti fizici maghmula mill-imputat waqt li kien qieghed jirrezisti l-arrest u
(b) mill-grad ta’ forza uzata minnu waqt din ir-rezistenza

jista’ jinghad li l-imputat ippreveda l-possibilita li b’dak li kien ser jaghmel seta’ jikkaguna hsara u ghalkemm ma riedx dik il-hsara huwa kien indifferenti ghall-konsegwenza ta’ ghemilu b’mod li xorta ghamel l-att li kkaguna l-hsara (intenzjoni pozittiva indiretta). Izda l-Qorti hija konvinta moralment li l-imputat, ghalkemm ma riedx jikkawza hsara lill-min kien qieghed jipprova jarrestah waqt li qed jipprova ma jhallihomx jimmanettjawh, huwa kien xorta fid-dmir li jintebah li b’dak li kien qieghed jaghmel seta’ jikkaguna xi hsara lil min kien qieghed jipprova jimmanettjah. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk il-hsara ma kienetx dolozament ikkagunata izda kienet ikkagunata kolpozament u ghalhekk il-griehi sofferti minn PS 1456 ma jistghux f’dan is-sens jitqiesu li kienu griehi ta’ natura hafifa kagunati volontarjament mill-imputat, izda semmai kienu griehi ta’ natura hafifa ikkagunati involontarjament filwaqt li l-imputat kien qieghed jipprova ma jhallix lill-Pulizija jimmanettjawh. Konsegwentement l-imputat ghandu jigi ritenut responsabbli ai termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kodici Kriminali u mhux tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-istess Kodici.

Naturalment dan ma jnaqqas xejn mill-gravita tal-azzjoni maghmula mill-imputat fil-konfront kemm ta’ PS 1456 u ta’ PC 34 b’mod partikolari. Il-fatti pruvati f’dan il-kaz iwaslu lil din il-Qorti li ssib htija fih ghar-reati kontestati lilu fir-raba, fis-sitt, u fid-disa’ imputazzjonijiet. Il-Qorti ma tistax issib htija fuq is-seba’ imputazzjoni in kwantu din timputa feriti kagunati volontarjament mill-imputat ai termini tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, izda qeghda ssib lill-imputat hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut f’dak imputat, t’offiza involontarja fuq il-persuna liema offiza kienet hafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-

Kodici Kriminali. Fid-dawl ta' dan, kwantu ghar-raba' imputazzjoni jinghad ukoll li l-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali jispecifika r-reat ta' min jaghmel offiza fuq persuna inkarigata minn servizz pubbliku, fatt dan, li gie pruvat ghaliex offiza fi kwalunkwe kaz kien hemm – ghalkemm mhux fil-forma volontarja taghha.

Kwantu ghall-imputazzjoni numru ghaxra, jirrizulta mill-provi li dak inhar tal-incidenti li sawru l-ewwel u t-tieni episodju, l-imputat kien xorob xi xorb alkoholiku u kien jidher li huwa kien taht l-effett ta' dan l-istess xorb.[6] Dan il-fattur ma jistax iservi ta' xi skuzant f'dan il-kaz. Kien verament elokwenti u f'loku l-appell li ghamel missier l-imputat Harold Decelis lill-ibnu fejn, fix-xiehda tieghu, ta missier li jhoss ghal ibnu u bhala persuna matura u responsabbli, appella lill-ibnu sabiex jekk ikun fis-sakra jmur jorqod jew jixrob l-ilma. Biss b'xorti hazina dak in-nhar tal-15 u 16 ta' Settembru 2013, l-imputat ma ghamilx dan. Anzi meta kien f'dik il-kundizzjoni minflok wettaq dak li kien ordnat minnu mill-Pulizija mar l-Ghassa tal-Marsa u barra minn dik l-Ghassa kif ukoll gewwa l-ghassa ghamel ghajjar u storbju. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova wkoll din l-imputazzjoni.

Id-difiza kkontestat ukoll it-tminn imputazzjoni fejn tenniet li ma kienx hemm provi bizzejjed biex l-imputat jinstab hati tal-ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Bid-dovut rigward il-provi juru xort'ohra. Jirrizulta li meta l-imputat kien barra l-Ghassa tal-Marsa, huwa kien mar hemmhekk ghall-habta ta' nofs il-lejl (ara deposizzjoni ta' PS1456 u PC 34). Apparti minn hekk, a fol 38 PS 1456 jghid li :

Jiena, s-Surgent 845 u PC 446 inzilna l-Ghassa tal-Marsa fejn hemmhekk fuq barra tal-ghassa kien hemm is-Sur Jerken Decelis li kien qieghed jitkellem b'lehen gholi fejn f'hin minnhom fost l-ghajjat li beda jghid, beda jghid li PC 34 kien aggressiv mieghu u s-Sur Jerken Decelis beda jimbotta lil PC 34 minn spaltu.

---

[6] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol 10 fejn jistqarr li kellu xi erba' birra go rasu, nonche x-xiehda ta' PC 446 a fol 60 u l-istqarrija ta' missier l-imputat Harold Decelis a fol 85 fejn jghid li l-imputat kien taht l-effett tax-xorb.

PC 34 jikkonferma wkoll l-episodju ta’ meta l-imputat beda jghidlu kliem ta’ sfida u minaccjuz nonche imbuttah minn spalltu.

Anke PC 446 a fol 60 jikkonferma li meta wasal huwa l-imputat kien qieghed jargumenta ma xi Pulizija tad-distrett tal-Marsa u PS 1456 qallu biex jidhol l-Ghassa halli jkelmuh hemmhekk. Dan il-kuntistabbli innota wkoll li l-imputat kien fis-sakra mill-mossi li l-imputat beda jaghmel. L-istess xhud itenni li minn barra l-ghassa, huwa beda jisma’ wkoll hafna ghajjat u storbju – u kien ghalhekk ukoll li hemmhekk iddecieda li wara jidhol l-ghassa.

Jirrizulta li l-episodji tal-ghajjat u storbju kommessi mill-imputat ma kienux biss gewwa l-Ghassa tal-Marsa izda wkoll barra. Jirrizulta wkoll li fil-mument li PC 34 gie imbuttat minn spalltu, l-imputat u dan il-kuntistabbli kienu barra l-Ghassa tal-Marsa.

Din il-Qorti tqis li l-gurisprudenza timmilita favur is-sejbien ta’ htija f’dan il-kaz u dan in bazi ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz “Il-Pulizija vs Maria Concetta Green” (Volum LXXXIII Part IV paġina 441) moghtija nhar id-19 ta’ Novembru, 1999 fejn inghad li :

L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ ‘breach of the peace’. L-elementi ta’ dan ir-reat ġew eżaminati funditus f’diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta’ nkwiet jew tħassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita’ ta’ persuna jew dwar l-inkolumita’ ta’ proprjeta’, kemm b’riżultat dirett ta’ dak l-għamil jew minħabba l-possibilita’ ta’ reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta’ kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x’jindika li dak l-argument jista’ jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta’) ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.’

Ghalhekk kieku l-imputat qal kliem ingurjuz jew minaccjuz biss, il-Qorti kienet tkun propensa li taqbel mat-tezi tad-difiza. Izda meta l-imputat qabez il-linja u mill-kliem ghadda ghall-fatti fejn imbotta lill-PC 34, hemmhekk fil-fehma tal-Qorti ikun sehh ghemil imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna dwar l-inkolumnita taghha. Il-fatt li l-persuna li ssubiet l-imbuttatura kien Kuntistabbli tal-Pulizija ma jfisser xejn ghaliex anke l-Pulizija jistghu ihossuhom inkwetati jew imhasba dwar l-inkolumnita taghhom.

Minhabba f'hekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha wkoll tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mill-Ligi.

C. **<u>Il-Ksur tal-kundizzjonijiet imposti fid-digriet koncedenti l-helsien mill-arrest.</u>**

Dwar din l-imputazzjoni il-Qorti tosserva li (a fol 8) il-Prosekuzzjoni prezentat vera kopja ta' digriet koncedenti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'Ottubru 2012. Il-kundizzjoni numru 4 hija dik li l-imputat ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Illi la darba l-imputat, permezz ta' din is-sentenza, qed jinstab hati ta' diversi delitti ta' natura volontarja li gew kommessi bejn il-15 u 16 ta' Settembru 2013 u cioe fil-perjodu ta' helsien mill-arrest lilu akkordat permezz tad-digriet hawn fuq imsemmi, huwa kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fl-ghoti tal-helsien mill-arrest b'dak id-digriet. Konsegwentement din l-ahhar imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Il-Qorti tosserva li mill-atti tal-kawza jidher li l-Prosekuzzjoni ghazlet li tipprocedi kontra tal-imputat ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali u ma jirrizultax li saritilha xi talba ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali.

## D. **L-Addebitu tar-recidiva**

Il-Qorti rat ukoll li a fol 6 il-Prosekuzzjoni ipprezentat kopja awtentika tal-fedina penali tal-imputat kif ukoll zewg sentenzi moghtija kontra l-imputat, wahda tal-10 ta' Marzu 2010 u l-ohra tas-7 ta' Frar 2011 u li fihom ir-rekwiziti kollha tal-Ligi li in bazi taghhom il-Qorti tista tikkonkludi li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfront tal-imputat odjern. Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidra li l-addebitu tar-recidiva rivolt fil-konfront tal-imputat huwa pruvat sal-grad li trid il-Ligi.

## E. **Konkluzjoni**

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 251B, 249(2), 339(1)(e), 543(e) u 545(1) tal-Kodici Kriminali nonche l-Artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, il-Qorti wara li laqghet it-talba ta' Georgiana Zaharia sabiex il-proceduri kriminali kontra l-imputat imsemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni jigu mwaqqfa, konsegwentement qeghda tordna li l-proceduri kriminali kontra l-imputat imnissla mill-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni jieqfu hawnhekk u ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Inoltre, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95(1), 96(a), 339(1)(d), 226(1)(c), 338(dd), 338(ee), 338(ff) u 579(2) tal-Kodici Kriminali issib lill-imputat Jerken Decelis mhux hati tal-hames imputazzjoni u minnha tilliberah filwaqt li ssibu hati tar-rimanenti imputazzjonijiet ossija r-raba, s-sitt, it-tminn, id-disa, l-ghaxar, il-hdax u l-addebitu tar-recidiva. Inoltre l-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati tas-seba' imputazzjoni in kwantu din timputa feriti kagunati volontarjament mill-imputat ai termini tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, izda minflok il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dak imputat, t'offiza involontarja fuq il-persuna liema offiza kienet hafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Kwantu ta’ piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li sawwru dan il-kaz, l-antecedenti penali tal-imputat, il-fatt li llum l-imputat qieghed jerga jipprova jibni hajja gdida u qieghed jahdem, li ghandu tifla ta’ sentejn u tliet xhur, ghandu siehba barranija li *ex admissis* tiddependi minnu ghall-ghixien taghha, nonche s-sitwazzjoni familjari tieghu minn banda kif ukoll in-natura tar-reati li wettaq u l-kuntest li huwa wettaqhom fih mill-banda l-ohra, il-Qorti qed tiddeciedi li f’dan il-kaz, ghalkemm l-imputat huwa recidiv, mhux indikat li jinghata piena karcerarja ghar-reati li wettaq f’dan il-kaz izda qeghda taghti lil Jerken Decelis cans iehor, bit-tama li din id-darba jiehu din il-“window of opportunity” li din il-Qorti qed tikkoncedilu bis-serjeta.

Ghalhekk ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tpoggi lill-imputat Jerken Decelis taht Ordni ta’ *Probation* ghal perjodu ta’ tliet (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili, sabiex itejjeb ir-relazzjoni bejnu, bintu, sehibtu u wkoll il-familjari tieghu, sabiex ikun assistit biex jevita li jerga’ jaqa’ fil-vizzji, nonche li jitghallem jirrispetta l-Awtoritajiet tal-Pulizija.

Fid-dawl tal-hdax imputazzjoni, il-Qorti qeghda tezercita d-diskrezzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali u mhix sejra tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta.  Apparti dan peress li ma saret ebda talba mill-Prosekuzzjoni taht l-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali, il-beneficcju tal-ghoti tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Kriminali lill-imputat ghandu jibqa’ impregudikat.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-*Probation* Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-

*Probation* Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-*Probation* lill-imputat Jerken Decelis.

L-Ufficjal tal-*Probation* assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Jerken Decelis kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Jerken Decelis l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ORDNI TA' *PROBATION***
*(MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: ……………………………………..**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Jerken Decelis**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Jerken Decelis gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u gie mpoggi taht Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tliet snin millum, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din

l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati **Jerken Decelis** li joqghod 11, Tulip, Triq Balbi, l-Marsa detentur tal-karta tal-identita' numru 12884(M) ikun ghal perjodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' *Probation* taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktib lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficcjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-*Probation*; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-*Probation*.

5. Li Jerken Decelis ghandu joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-Jerken Decelis biex ma jergax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati ohra, sabiex itejjeb ir-relazzjoni tieghu ma bintu, sehibtu u wkoll il-familjari tieghu, u sabiex jevita li jerga' jaqa' fil-vizzji, nonche li jitghallem jirrispetta l-Awtoritajiet tal-Pulizija.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**.........................................**

**(firma tal-persuna mqeghda taht *probation*)**

**……………………………………..**

*Doris Serpina* **D./Registratur**

…………………………………………

***Aaron M. Bugeja,***
***Magistrat***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------